

Dokument Uniku ta' Programmazzjoni għall-2026-2028

Sommarju



Illustrazzjoni 1: [SPD 2026-2028](#)

Id-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni (SPD) huwa l-istrument korporattiv ta' programmazzjoni tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) u jservi bħala deċiżjoni ta' finanzjament għall-attivitajiet operazzjonali tal-Aġenzija. Jistabbilixxi l-ippjanar pluriennali u annwali tal-Aġenzija għall-attivitajiet u għar-riżorsi, u jiżgura koerenza bejn l-oġettivi strateġiċi, l-attivitajiet operazzjonali u l-allokazzjoni tar-riżorsi.

L-SPD 2026-2028 għie approvat mill-Bord tat-Tmexxija fit-30 ta' Settembru 2025. Matul il-perjodu ta' programmazzjoni, l-Aġenzija se tipprijorizza l-implimentazzjoni effettiva tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil ("il-Patt") u t-twettiq tal-mandat ta' monitoraġġ tagħha, filwaqt li żżomm il-flessibbiltà meħtieġa biex

twieġeb għax-xejriet tal-migrazzjoni li qed jevolvu u għall-kriżijiet potenzjali li jistgħu jeħtieġu aġġustamenti għar-riżultati tanġibbli operazzjonali u għall-ippjanar finanzjarju.

Kuntest strateġiku

L-SPD 2026-2028 huwa żviluppat f'kuntest ta' pressjonijiet migratorji kontinwi u ħtiġijiet tal-ażil li qed jevolvu madwar l-Istati Membri. Minkejja l-progress li sar fl-iżvilupp tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA), għad hemm disparitajiet sinifikanti bejn l-Istati Membri fl-approċċi proċedurali, fir-rati ta' rikonoxximent, fit-tipi ta' protezzjoni mogħtija, u fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza. Dawn id-differenzi għandhom rwol fil-movimenti sekondarji u jimminaw l-oġettiv li jiġi żgurat it-trattament uniformi tal-applikanti fl-Unjoni kollha.

Il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil għandu l-għan li jindirizza dawn in-nuqqasijiet billi jsaħħaħ il-preparatezza, itejjeb ir-rispons għall-kriżijiet u jsib bilanċ aktar effettiv bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà. Hekk kif l-istrumenti leġiżlattivi tiegħu jsiru applikabbli

minn Ġunju 2026, il-Patt se jsaħħaħ b'mod progressiv ir-rwol tal-Aġenzija biex tappoġġja SEKA li taħdem sew. Konsegwentement, l-ammont ta' xogħol tal-EUAA, li diġà żdied wara l-adozzjoni tal-Patt, huwa mistenni li jkompli jżdied kemm fl-attivitajiet permanenti tagħha kif ukoll f'dawk operazzjonali.

F'dan il-kuntest, intlaħaq ftehim fi Frar 2024 dwar ir-reviżjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021–2027, li jinkludi EUR 190 miljun addizzjonali għall-EUAA sal-2027. Din iż-żieda hija maħsuba biex tippermetti lill-Aġenzija tappoġġja l-implimentazzjoni tal-Patt.

Pjan ta' azzjoni u prijoritajiet għall-2026-2028



Illustrazzjoni 2: [Strateġija tal-EUAA għall-2024-2029](#)

L-SPD huwa allinjat mal-prijoritajiet ta' politika tal-Kummissjoni Ewropea għall-2024-2029 fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-ażil, filwaqt li jiżgura l-koerenza mal-oġġettivi usa' tal-UE. Abbażi tal-Istrateġija tal-EUAA għall-2024-2029, il-programm ta' ħidma pluriennali jiddefinixxi l-oġġettivi tal-Aġenzija f'erba' oqsma prinċipali ta' attività: l-appoġġ operattiv, it-taħriġ u l-iżvilupp professjonali, l-għarfien dwar l-ażil, u l-attivitajiet orizzontali. Jistabbilixxi seba' oġġettivi strateġiċi għall-perjodu tal-2026-2028.

Il-programm ta' ħidma annwali tal-2026 jibdel dawn l-oġġettivi strateġiċi f'oġġettivi u miri annwali konkreti, strutturati madwar attivitajiet konkreti u allinjati mar-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli.

Assistenza operazzjonali u teknika



Illustrazzjoni 3: Appoġġ operattiv tal-EUAA f'Lampedusa

Bl-adozzjoni tal-proposti leġiżlattivi skont il-Patt, l-Aġenzija hija mistennija li żżomm preżenza operazzjonali sostanzjali filwaqt li tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tal-kompiti tagħha fil-limiti tar-riżorsi disponibbli.

[L-assistenza operazzjonali u teknika](#) lill-Istati Membri se tkompli tiġi pprovduta permezz ta' [pjanijiet operazzjonali pluriennali u fuq terminu iqsar](#), kif ukoll pjanijiet ta' proġetti speċifiċi.



L-appoġġ se jibqa' flessibbli u reattiv għax-xejriet tal-migrazzjoni li qed jevolvu, għall-ħtiġijiet emerġenti u għall-kuntesti operazzjonali. Il-kontinwazzjoni tal-appoġġ eżistenti, kif ukoll it-tnedija ta' interventi ġodda, se jkunu gwidati minn *proċess robust ta' prijoritizzazzjoni*, li jqis l-urġenza, l-impatt mistenni, il-valur miżjud tal-UE, il-fattibbiltà tal-interventi, u r-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli tal-Aġenzija. Barra minn hekk, il-kapaċitajiet operazzjonali se jiġu aġġustati aktar biex l-EUAA tkun tista' tissodisfa l-obbligi l-ġodda tagħha skont il-Patt.

Il-metodoloġiji tal-assigurazzjoni tal-kwalità, l-għodod operazzjonali u l-proċeduri armonizzati se jiġu applikati b'mod konsistenti, filwaqt li se jiġu skambjati Prattiki tajbin u l-ippjanar ta' kontinġenza se jiġi allinjat aktar madwar l-Istati Membri permezz ta' metodoloġija komuni. L-oqfsa ta' ġestjoni tal-iskjerament se jissaħħu biex jippermettu interventi rapidi u skalabbli, u se jiġi implimentat mekkaniżmu bejn l-operazzjonijiet għall-valutazzjoni, ir-rappurtar u l-eskalazzjoni ta' ksur allegat serju jew persistenti tad-drittijiet fundamentali u tal-obbligi ta' protezzjoni internazzjonali. L-interventi kollha se jinkorporaw strateġiji ta' ħruġ bl-għan li jissaħħu l-kapaċitajiet nazzjonali u l-iżgurar tas-sostenibbiltà fit-tul.

L-Aġenzija se tkompli tikkonsolida l-kapaċità tagħha ta' rispons inizjali billi ssaħħaħ il-funzjonijiet ta' appoġġ, ittejjeb il-pjanijiet ta' preparatezza u tfassal operazzjonijiet f'qafas miftiehem ibbażat fuq valutazzjonijiet sistematiċi tal-bżonnijiet u proċessi strutturati ta' prijoritizzazzjoni. L-iskjeramenti se jkomplu permezz ta' mekkaniżmi stabbiliti, inkluż il-mobilizzazzjoni ta' esperti esterni, u se jkunu appoġġjati b'għodod għall-ġestjoni tal-proġetti, sistemi ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni, koordinazzjoni mill-qrib mal-punti ta' kuntatt nazzjonali u gwida operazzjonali ċara. L-appoġġ operattiv jista' jinkludi wkoll l-iskjeramenti ta' timijiet ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-migrazzjoni, flimkien mal-provvista jew mal-komplementazzjoni tal-infrastruttura bħal tagħmir, uffiċini temporanji, faċilitajiet u servizzi essenzjali, inklużi servizzi ta' interpretazzjoni, medjazzjoni kulturali u trasport.

F'konformità mal-qafas tal-Patt, l-EUAA se tappoġġja l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni permanenti u miżuri oħra ta' solidarjetà, f'koordinazzjoni mal-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE. Se tingħata prijorità lill-Istati Membri li qed jiffaċċjaw pressjoni sproporzjonata fil-fruntieri esterni tal-UE u lil dawk li qed jesperjenzaw sfidi sinifikanti marbuta mal-movimenti sekondarji. L-Aġenzija se tkompli tappoġġja wkoll lill-pajjiżi UE+ fl-implimentazzjoni u fil-koordinazzjoni ta' programmi ta' risistemazzjoni u ammissjoni umanitarja permezz tan-*Network ta' Risistemazzjoni* u ta' *Ammissjoni Umanitarja*, ta' assistenza operazzjonali mfassla apposta, tal-faċilità ta' appoġġ għar-risistemazzjoni fit-Turkija u pajjiżi terzi rilevanti oħra, kif ukoll permezz ta' appoġġ għal sponsorizzazzjoni komunitarja u perkorsi komplementari.


Taħriġ u żvilupp professjonali

It-taħriġ u l-iżvilupp professjonali huma ċentrali għat-tiżni tas-sistemi tal-ażil u ta' akkoljenza madwar l-UE u għall-promozzjoni ta' konverġenza akbar fil-prattiki nazzjonali. F'konformità mal-mandat tagħha, l-Aġenzija se tkompli tippjana, tiżviluppa u tipprovdi taħriġ ta' kwalità għolja għall-persunal tal-EUAA u għall-persunal tal-amministrazzjonijiet, tal-qrati u tat-tribunali nazzjonali, u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-ażil u għall-akkoljenza.

Billi taħdem mill-qrib ma' korpi esperti rilevanti, l-Aġenzija se tkompli tiżviluppa l-Kurrikulu Ewropew fil-Qasam tal-Ażil (EAC) u toħloq komunità tal-prattika li tappoġġja t-tagħlim kontinwu u l-qsim tal-aħjar prattiki madwar l-UE. L-Aġenzija se twessa' u timmaniġġja t-taħriġ tal-EAC offrut ibbażat fuq il-bżonnijiet identifikati, skont l-istandards ta' kwalità għall-edukazzjoni ogħla u għat-taħriġ vokazzjonali, u f'konformità mal-istrumenti leġislativi tal-Patt hekk kif jidhru fis-seħħ. Se jitwasslu attivitajiet ta' taħriġ u żvilupp professjonali mmirati lill-Istati Membri li qed jiffaċċjaw pressjoni sproporzjonata fuq is-sistemi tal-ażil u ta' akkoljenza tagħhom, inkluż taħriġ strutturat għall-membri tat-timijiet ta' appoġġ fil-qasam tal-ażil u r-riżerva ta' intervent għall-ażil. Barra minn hekk, se jiġu żviluppanti u mwassla attivitajiet ta' taħriġ *ad hoc* b'rispons għal talbiet speċifiċi mill-awtoritajiet nazzjonali.


L-attivitajiet ta' taħriġ se jindirizzaw ukoll il-lakuni identifikati permezz tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tal-EUAA. Se jiġi żviluppat u pprovdut taħriġ rilevanti lill-esperti involuti fil-missjonijiet ta' monitoraġġ, u r-riżultati tal-monitoraġġ se jiġu tradotti b'mod sistematiku f'risposti ta' taħriġ immirat. Sabiex tappoġġja dawn l-attivitajiet, l-Aġenzija se tkompli ssaħħaħ il-mekkaniżmi għall-għażla u għall-mobilizzazzjoni tal-esperti involuti fl-ippjanar u fit-twassil tat-taħriġ fl-appoġġ permanenti, *ad hoc* u operattiv.

Lil hinn mill-UE, l-appoġġ għat-taħriġ lill-pajjiżi sħab se jissaħħaħ bħala parti mill-isforzi ta' bini tal-kapaċitajiet skont l-istrateġija ta' kooperazzjoni esterna tal-Aġenzija. Dan l-appoġġ se jingħata fi ħdan l-oqfsa ta' kooperazzjoni eżistenti, u f'konformità mal-prijoritajiet stabbiliti u r-riżorsi disponibbli. Il-kooperazzjoni dwar attivitajiet ta' taħriġ hija mfittxija, fejn ikun rilevanti, ma' partijiet ikkonċernati ewlenin, inklużi l-Kummissjoni Ewropea, l-aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, l-UNHCR, l-IOM, il-Kunsill tal-Ewropa, u networks u organizzazzjonijiet oħra ta' taħriġ, inkluża s-soċjetà ċivili.



Illustrazzjoni 4: [Rapport Annwali tal-EUAA dwar it-Taħriġ 2024](#)

Għarfien dwar l-ażil u monitoraġġ



Illustrazzjoni 5: [Rapport dwar l-Ażil 2025](#)

Permezz tal-prodotti tal-EUAA fil-qasam tal-għarfien dwar l-ażil, l-awtoritajiet nazzjonali huma mgħammra aħjar biex iżidu l-konverġenza fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-protezzjoni internazzjonali, jipprovdu deċiżjonijiet aktar malajr u jżidu l-uniformità fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza.

F'konformità mal-obiettiv tal-Patt li tissaħħaħ aktar il-konverġenza, l-EUAA se tkompli taħdem mal-Istati Membri biex tiżviluppa analiżijiet komuni u gwida għall-pajjiż dwar il-pajjiżi ta' oriġini ewlenin, abbażi tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini (COI) tal-EUAA. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Aġenzija se tipprovdi wkoll informazzjoni u analiżi għad-determinazzjoni ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri u pajjiżi terzi sikuri. L-iskambju ta' informazzjoni se jkompli jiġi ffaċilitat permezz ta' networks speċjalizzati tal-pajjiżi, avvenimenti, u għodod

iddedikati, inkluża sistema ta' mistoqsijiet dwar is-COI, helpdesk tas-COI u l-portal ta' informazzjoni medika dwar il-pajjiż ta' oriġini (MedCOI) li jipprovdi informazzjoni dwar id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-mediċini.

Sabiex jissaħħaħ l-għarfien tas-sitwazzjoni u l-preparatezza, l-Aġenzija se tkompli tipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva u aġġornata dwar is-sitwazzjoni tal-ażil fl-UE, inklużi tendenzi, proċeduri u prattiki fil-pajjiżi UE+. Din tinkludi l-ġbir ta' *data* standardizzata, il-produzzjoni ta' analiżijiet li jħarsu 'l quddiem u għarfien strateġiku, u l-iżvilupp ta' rapporti tematiċi u *ad hoc*. Dawn l-attivitajiet jappoġġjaw it-twissija bikrija, it-tbassir, il-prevenzjoni tal-kriżijiet u l-ippjanar ta' kontinġenza, u jikkontribwixxu direttament għall-implimentazzjoni tal-Patt. L-Aġenzija se tkompli wkoll tipproduċi r-rapport annwali tagħha dwar is-sitwazzjoni tal-ażil fl-UE.

Sabiex tappoġġja l-kwalità, l-ekwità u l-effiċjenza tal-proċeduri tal-ażil u tas-sistemi ta' akkoljenza, l-EUAA se tkompli tiżviluppa standards, indikaturi, gwidi prattiċi, publikazzjonijiet ġudizzjarji u għodod oħra, f'kooperazzjoni ma' esperti tal-Istati Membri u, fejn ikun rilevanti, ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. L-adozzjoni u l-impatt ta' dawn l-għodod se jiġu vvalutati, inkluż permezz tal-analiżi tar-referenzi fil-ġurisprudenza nazzjonali.

Fl-aħħar, minn 2026 'il quddiem, l-Aġenzija se timplimenta b'mod sħiħ il-programm pluriennali tagħha ta' monitoraġġ, wara eżerċizzji pilota fl-2025. F'dan iċ-ċiklu ta' 5 snin, l-Istati Membri kollha se jiġu mmonitorjati rigward l-applikazzjoni teknika u operazzjonali

tas-SEKA. Il-metodoloġija ta' monitoraġġ se tiġi rieżaminata, kif meħtieġ, biex tirrifletti l-bidu tal-applikazzjoni tal-Patt.

Attivitajiet orizzontali



Illustrazzjoni 6: [Strateġija ta' Kooperazzjoni Esterna tal-EUAA](#)

Il-governanza tajba tibqa' ċentrali għall-kisba tal-eċċellenza amministrattiva. L-EUAA se tkompli ssaħħaħ is-sistemi ta' kontroll intern, l-ippjanar strateġiku u r-rappurtar, kif ukoll il-proċessi ta' ġestjoni u evalwazzjoni.

Forza tax-xogħol kompetenti u impenjata hija essenzjali biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Aġenzija. Il-benesseri u l-impenn tal-persunal se jibqgħu jiġu mmonitorjati b'mod regolari permezz ta' sħarriġiet dedikati.

L-Uffiċjal għad-Drittijiet Fundamentali se jimmaniġġja l-mekkaniżmu tal-ilmenti, jirrapporta lill-Bord tat-Tmexxija b'mod regolari, u jikkontribwixxi għat-trasparenza permezz tar-Rapport Annwali dwar l-Ażil tal-Aġenzija.

L-EUAA se ssaħħaħ ukoll il-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati ewlenin, inklużi l-pajjiżi sħab barra mill-UE, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni, u f'konformità mar-Regolament tal-EUAA u l-politika tal-UE dwar ir-relazzjonijiet esterni. L-uffiċjali ta' kollegament se jappoġġjaw l-impenn fl-Istati Membri u fil-pajjiżi sħab, skont ir-riżorsi disponibbli. L-Aġenzija se tikkordina mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea dwar l-attivitajiet ta' komunikazzjoni, tikkontribwixxi għal narrattivi preċiżi dwar l-ażil u r-refuġjati, u tindirizza miżinformazzjoni.

